MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 108/2012

**Robert Camilleri**

**vs**

**PXB Developments Limited**
**Charles u Moira konjugi Saliba**
**Brian u Karen konjugi Magro**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:-

Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Kirsten Dimech tat-tletin (30) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), hawn anness u markat bhala Dokument A, ir-rikorrenti xtara u akkwista minghand is-socjeta’ konvenuta PXB developments Limited appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) fil-first floor level ossia fit-tieni sular ta’ block esternament minghajr numru izda maghruf bhala ‘Ta’ Keraba Blokk B’ fi Triq ta’ Kraba, Xewkija, Ghawdex,

flimkien ma’ garaxx sottostanti dan il-blokk, internament maghruf bin-numru tlieta u erbgha (3 u 4) fl-level ta’ basement liema garage huwa accessibbli minn entrata, rampa u drive way komuni li tizbokka fi Triq Kraba stess.

Illi dan il-blokk jifforma parti minn kumpless akbar konsistenti f’sular uniku ta’ garaxxijiet fil-livell ta’ basement sottostanti l-kumpless kollu u f’zewg blokok kontigwi ghal xulxin sovrapposti l-imsemmija garaxxijiet. Dawn iz-zewg blokok huma maghrufa bhala ‘Ta’ Keraba Blokk A’ u ‘Ta’ Keraba Blokk B’. ‘Ta’ Keraba Blokk B’ jigi l-blokk fuq il-lemin minn dawn iz-zewg blokok meta l-faccata tal-kumpless tigi osservata mit-triq. Il-kumpless kollu jmiss mil-Lvant ma’ beni ta’ Angelo Saliba, mit-tramuntana ma’ beni ta’ Marianna Mercieca u minn nofsinhar in parti ma’ beni tal-familja Pace, jew l-aventi kawza taghhom.
Illi l-falt mixtri mir-rikorrenti jigi l-ewwel flat mix-xellug fil-first floor level ta’ l-imsemmi ‘Ta’ Keraba Blokk B’ meta l-faccata tal-Blokk tigi osservata mill-imsemmija Triq ta’ Kraba.

Illi skont kuntratt fl-atti tan-nutar imsemmi aktar ‘il fuq tad-disgha (9) ta’ Gunju elfejn u hdax (2011), hawn anness u markat bhala Dokument B, il-konvenuta PXB Developments Limited sussegwentement ittrasferiet b’titolu ta’ bejgh lill-konvenuti Charles u Moira Saliba dak li kien gie deskritt mill-partijiet bhala ‘l-arja tal-kejl superficjali ta’ cirka mija u hamsa u ghoxrin punt hamsa metri kwadri [125.4m.k.] li tibda mis-sitta u ghoxrin filata [26f] mil-livell ta’ wicc Triq Ta’ Kraba, Xewkija, Ghawdex sal-oghli [recte gholi] ta’ sitta u tletin filata [36f] mill-istess livell u liema arja hija ntiza ghall-bini u kostruzzjoni tal-flat li nternament ghandu jkun maghruf bin-numru hamsa [5] u liema flat ghandu jkun it-tieni wiehed fil-lemin fis-second floor meta l-faccata tal-korp bini tigi osservata mit-triq’.

Illi skond dan l-istess kuntratt il-konvenuta PXB Developments Limited ittrasferiet ukoll b’titolu ta’ bejgh lill-konvenuti Brian u Karen konjugi Magro dak li gie deskritt mill-partijiet bhala ‘l-arja direttament sovraposta ghal dik fuq deskritta f’paragrafu (a) tal-istess kejl ta’ circa mija u hamsa u ghoxrin punt hamsa metri kwadri [125.5m.k.]

liema arja tibda mis-sebgha u tletin [37f] mil-livell ta' wicc Triq Ta' Kraba, sal-livell ta' sebgha u erbghin filata [47f] mill-istess livell u liema arja ntiza ghall-bini u kostruzzjoni tal-penthouse internament maghruf u bin-numru sebgha [7] li ghandha tinbena fit-third floor level ta' l-istess korp bini minghajr numru maghruf bhala 'Ta' Keraba Blokk B' fi Triq ta' Kraba, Xewkija, Ghawdex', li jigi l-penthouse sovrastanti l-appartament tal-konvenuti Saliba.

Illi fil-verita' u kif se jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza, l-arja deskritta hawn fuq ossija mis-sitta u ghoxrin [26] filata sas-sebgha u erbghin [47] filata fid-data tat-trasferimenti msemmija fil-paragrafi ta' qabel dan, kienu diga' mibnija f'dawk li huma l-appartament tal-konjugi Saliba u l-penthouse tal-konjugi konvenuti Magro;

Illi kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u abbazi tar-rapporti rilaxxati mill-Perit Godwin Sultana, hawn annessi u markati bhala Dokumenti C u D u E ir-rikorrenti sofra u qed isofri minn danni strutturali, qsim u xquq fis-soqfa, danni fil-partijiet interni tal-appartament, danni kkawzati fost ohrajn minn ingress ta' ilma u kif ukoll danni ohra fil-propjeta' tieghu.

Illi d-danni sofferti mill-appartament tar-rikorrenti huwa kawza diretta jew indiretta ta' nuqqas tal-konvenuti, jew min minnhom;
Illi fil-fatt ghandu jirrizulta illi l-konvenuti, jew min minnhom ma ghalqux l-aperturi esterni sovrastanti ghall-appartament tar-rikorrenti b'rizultat illi dahal u qieghed jidhol ammont  konsiderevoli ta' ilma tax-xita li kull darba qieghed jingema' ma' l-art tal-proprjeta' tal-konvenuti, jew min minnhom, u qieghed jipperkola ghas-saqaf ta' l-appartament tar-rikorrenti u qieghed jikkawza danni fl-imsemmi appartament;

Illi l-appartament  tar-rikorrenti  garrab danni strutturali meta sar l-izvilupp ta' l-arja fl-appartament u l-penthouse sovrastanti kawza tal-konvenuti jew min minnhom.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, is-socjeta' konvenuta PXB Developments Limited kienet

obbligat ruhha li tlesti x-xoghlijiet fil-komun bhal tikhil u kisi tal-hitan tal-btiehi u/jew xaftijiet fl-imsemmija blokka fil-kuntratt ta' bejgh bejn l-istess socjeta' u r-rikorrenti. Rizultat ta' dan in-nuqqas, dahal u qieghed jidhol ammont konsiderevoli ta' ilma fl-appartament tar-rikorrenti liema ilma ikkaguna u qieghed jikkaguna danni fl-istess appartament;

Illi l-istess socjeta' konvenuta PXB Developments Limited, naqset li tonora wkoll l-obbligu assunt minnha fil-kundizzjonijiet annessi mal-kuntratt ta' xiri u bejgh tal-appartament tar-rikorrenti meta naqset li tinstalla u tlesti l-lift fil-blokka msemmija tant illi sal-gurnata tal-lum tali lift ghadu m'huwiex lest.

Illi ghalkemm saru diversi nterpellazzjonijiet kemm permezz ta' ittri ufficjali datati 17 ta' Gunju 2010, 28 ta' Ottubru 2010 u 14 ta' Frar 2012, kif ukoll permezz ta' ittri legali datati 18 ta' Awwissu 2011 u 26 ta' Settembru 2011 hawn annessi u mmarkati bhla Dokumenti F, G, H, I rispettivament, il-konvenuti baqghu nadempjenti;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-appartament tar-rikorrenti, cioe' l-fond internament immarkat bin-numru tlieta (3) fil-blokk esternament minghajr numru izda maghruf bhala "Ta' Keraba Blokk B" fi Triq ta' Kraba, Xewkija, Ghawdex jew partijiet minnu huwa affett minn hsarat;

2) Tiddikjara u tiddeciedi li dawn il-hsarat gew ikkawzati unikament mill-konvenuti, jew min minnhom huwa responsabbli, waqt zvilupp u xoghlijiet ta' kostruzzjoni li saru fuq il-fond sovrastanti ghall-appartament tar-rikorrenti u/jew kawza ta' avvenimenti jew cirkostanzi ohra skont ma jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli unikament jew xort'ohra ghall-hsarat li subixxa l-appartament inkwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti;

4) Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta’ konvenuta PXB Developments Limited naqset milli tonora l-obbligi naxxenti mill-kuntratt datat tletin (30) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), u dan peress li ma tlestewx ix-xoghlijiet fil-komun kif kien pattwit fl-istess kuntratt, ma giex installat u kkummissjonat il-lift kif kienu obbligati taghmel mill-imsemmi kuntratt, u nuqqasijiet ohra skont m’hu ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

5) Tordna lill-konvenut PXB Develoments Limited sabiex fi zmien qasir u perentorju jlesti [recte: tlesti] l-lift fl-imsemmi block, u jesgwixxi x-xoghlijiet skont kif pattwit fl-imsemmi kuntratt;

6) Tordna lil-konvenuti jew min minnhom sabiex fiz-zmien qasir u perentorju jiehdu dawk il-prekawzjonijiet necessarji u utili sabiex iwaqfu l-ingress ta’ l-ilma fl-appartament tar-rikorrenti;

7) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo permezz ta’ periti esperti;

8) Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom huwa responsabbli jhallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata bhala danni;

9) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjes rispettivi nkluz dawk tal-ittri legali, ittri gudizzjarji u spejjes ohra inkorsi mir-rikorrenti, flimkien mal-imghax skond il-ligi kontra l-istess konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata fejn gie eccepit illi:

a) Illi l-konvenuti Charles u Moira konjugi Saliba u l-konjugi Brian u Karen konjugi Magro eccepew:

(1) Illi t-talbiet attrici huma kompletament u totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur;

(2) Illi preliminarjament, l-esponenti jeccepixxu l-konfuzjoni f’din il-kawza stante li jirrizulta li l-attur qed

jezercita zewg tipi ta’ azzjonijiet f’kawza wahda; u cjoe’ l-azzjoni kuntrattwali fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u dik akwiljana ghar-rizarciment ta’ danni mhux ikkagunati b’reat fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, u dan mhux permess fis-sistema guridika ta’ pajjizna;

(3) Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni promossa mill-attur in kwantu dina tikkoncerna l-eccipjenti hija kolpita bil-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ma tista’ thalli l-ebda frott;

(4) Illi fil-mertu, imbaghad, u in ogni kaz minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija daqstant iehor infondata, u dana kif sejjer jirrizulta ampjament fil-mori ta’ dina l-procedura;

(5) Illi fl-ahhar lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti huma ntempestivi ghall-ahhar stante illi l-attur ghadda direttament ghall-procedura odjerna minghajr ma biss indenja ruhu jaghmel interpellazzjoni; imqar permezz ta’ ittra interpellatorja. Fil-fatt dina l-kawza waslet f’idejn l-esponenti bhala sajjetta fil-bnazzi! Dana qed jinghad anke ghall-finijiet ta’ spejjez, kemm ta’ dina l-procedura, kif ukoll spejjez ohra illi l-attur qed jintenta jirreklama permezz tad-disa’ talba tieghu;

(6) Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ir-ragunijiet kollha illi ser jirrizultaw fil-mori ta’ dina l-procedura, l-eccipjenti jissottomettu illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

(7) Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

b) Illi s-socjeta’ konvenuta rrsipondiet hekk:

(1) Illi t-talbiet attrici huma kompletament u totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur;

(2) Illi preliminarjament, l-esponenti teccepixxi l-konfuzjoni f'din il-kawza stante li jirrizulta li l-attur qed jezercita zewg tipi ta' azzjonijiet f'kawza wahda; u cjoe' l-azzjoni kuntrattwali fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u dik akwiljana ghar-rizarciment ta' danni mhux ikkagunati b'reat fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, u dan mhux permess fis-sistema guridika ta' pajjizna;

(3) Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tissottometti illi l-gudizzju mhux integru stante illi r-raba' u l-hames talbiet attrici kellhom se mai jsiru minn jew kontra l-amministratur mahtur sabiex jiehu hsieb l-interessi tal-blokka ta' appartamenti in kwestjoni skond ma jipprovdi l-Att dwar il-Condominia (Kap 398 tal-Ligijiet ta' Malta);

(4) Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess; u kemm-il darba d-danni strutturali illi qed jillamenta dwarhom l-attur huma r-rizultat ta' difett mohbi fl-oggett mibjugh, allura l-azzjoni attrici hija kolpita bil-perjodu ta' dekadenza ta' sena mid-data tal-kuntratt jew mid-data ta' meta l-attur sar jaf jew seta' jsir jaf bid-difetti; kif jipprovdi l-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' hames snin skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

(6) Illi fil-mertu, imbaghad, u in ogni kaz minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija daqstant iehor infondata, u dana kif sejjer jirrizulta ampjament fil-mori ta' dina l-procedura;

(7) Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ir-ragunijiet kollha illi ser jirrizultaw fil-mori ta' dina l-procedura, l-eccipjenti jissottometti illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

(8) Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ghar-rigward tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, l-attur talab fin-nota ta' sottomissjonijiet li din tigi skartata peress li saret *fuori termine.* Ghalkemm huwa minnu li n-nota giet prezentata fit-2 ta' April 2013 u mhux fl-ahhar ta' Marzu 2013 u suppost kellha tintalab awtorizzazzjoni ghall-prezentata taghha, madankollu din il-Qorti mhiex tal-fehma peress li mhux fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li l-istess nota tigi skartata.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni rispettiva tal-konvenuti u tas-socjeta' konvenuta.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din is-sentenza se titratta t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tal-konvenuti l-ohra kollha li huma identici. Permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet qieghed jigi eccepit *"l-konfuzjoni f'din il-kawza stante li jirrizulta li l-attur qed jezercita zewg tipi ta' azzjonijiet f'kawza wahda; u cjoe' l-azzjoni kuntrattwali fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u dik akwiljana ghar-rizarciment ta' danni mhux ikkagunati b'reat fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, u dan mhux permess fis-sistema guridika ta' pajjizna".*

Huwa opportun f'dan l-istadju ssir referenza ghas-segwenti:

- L-attur xtara minghand is-socjeta' konvenuta PXB Developments Limited l-appartament numru 3, 1st Floor Level ossia fit-tieni sular f'Ta' Keraba Blokk B, fi Triq Kraba, Xewkija, Ghawdex flimkien ma' garaxx sottostanti. Dan permezz tal-kuntratt ippubblikat fit-30 ta' Jannar, 2004.

- Dan il-blokk jifforma parti minn kumpless akbar.

- Permezz ta’ kuntratt datat 9 ta’ Gunju 2011, is-socjeta’ konvenuta PXB Developments Limited bieghet lill-konjugi Saliba l-arja li tibda mis-26 filata mil-livell ta’ wicc it-Triq Ta’ Kraba sat-36 filata ntiza ghall-bini u kostruzzjoni ta’ flat li kellu jkun immarkat bin-numru 5.

- Bl-istess kuntratt  is-socjeta’ konvenuta bieghet lill-konjugi Magro l-arja sovrapposta ghal dik tal-konjugi Saliba mis-37 filata sal-47 filata ntiza ghall-bini u kostruzzjoni ta’ penthouse li kellu jkun immarkat bin-numru 7.

- L-attur isostni li in verita’ l-appartament u l-penthouse kienu diga’ nbnew fid-data tat-trasferiment.

- L-attur jilmenta li sofra minn danni strutturali, qsim u xquq fis-soqfa tal-appartament, danni fil-partijiet interni ta’ l-istess appartament liema danni gew allegatament ikkawzati fost ohrajn minn ingress ta’ ilma u danni ohra.

- L-attur jallega li l-konvenuti jew min minnhom ma ghalqux l-aperturi esterni sovrastanti ghall-appartament tieghu b’rizultat li dahal u qieghed jidhol ammont konsiderevoli ta’ ilma tax-xita.

- Ghalhekk isostni li sofra danni strutturali fl-appartament tieghu meta sar l-izvilupp ta’ l-arja fl-appartament u l-penthouse.

- Oltre’ dan, abbazi tal-kuntratt ta’ bejgh u xiri ta’ l-appartament tieghu jallega li s-socjeta’ konvenuta m’onoratx l-obbligi assunti minnha fosthom l-installazzjoni tal-lift u t-tlestija ta’ xoghlijiet fil-komun u b’rizultat ta’ dan in-nuqqas dahal u qieghed jidhol ammont konsiderevoli ta’ ilma fl-appartament tieghu.

Illi kif diga’ gie rilevat, il-konvenuti permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom rispettivament qeghdin isostnu li r-rikors guramentat jikkontjeni kumulu ta’ azzjonijiet distinti bazati fuq kawzali differenti u li fil-kollettivita’ taghhom jincidu radikalment fuq is-sustanza ta’ l-azzjoni promossa.

Illi mill-premessi u t-talbiet jirrizulta b'mod evidenti li l-attur qieghed jipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta u kontra l-konvenuti l-ohra abbazi tal-culpa akwiljana u dan in vista ta' l-allegazzjoni tieghu li (i) allegatament il-konvenuti jew min minnhom m'ghalqux l-aperturi esterni sovrastanti ghall-appartament tieghu b'rizultat li dahal u qieghed jidhol ammont konsiderevoli ta' ilma tax-xita li qieghed jipperkola ghas-saqaf tal-appartament tieghu; u (ii) li sofra danni strutturali meta sar l-izvilupp ta' l-arja fl-appartament u l-penthouse sovrastanti.

Illi l-attur qieghed isostni li effettivament ghalkemm il-konvenuti konjugi Magro u Saliba xtraw l-arja, in verita' l-appartament u l-penthouse kienu diga' mibnija u hawnhekk tidhol allura l-lamentela kontra s-socjeta' konvenuta. S' intendi dan kollu ghad irid jigi ppruvat.

Min-naha l-ohra abbazi tal-kuntratt li sar bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, l-attur qieghed jallega li l-istess socjeta' m'onoratx l-obbligi assunti u ghalhekk jitlob li tigi ordnata tonora l-istess.

F'dan l-istadju jehtieg li l-qorti tirreferi ghall-gurisprudenza fuq il-materja inkwistjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph F. Spiteri pro et noe vs Salvatore Guillaumier pro et noe**[1] gie ritenut hekk:

*"…, infatti hu maghruf li domandi jistghu jigu kumulati biex jigu evitati gudizzji izjed milli hemm bzonn pero' dejjem kompatibilment mal-ezigenzi tal-kaz u meta dana l-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti ghaliex ikun hemm dika l-konnessjoni bejn ir-rapporti intercedenti bejn l-attur u d-diversi konvenuti, derivanti mill-istess titolu u mill-istess oggett tal-kontestazzjoni, li jissuggerixxu t-trattazzjoni unika u kwindi gudizzju uniku; diversament iridu jsiru tant gudizzji kemm ikunu l-konvenuti u t-trattazzjoni ssir separata. Konferma ta' dan il-principju tinsab fir-regoli li jinformaw l-istitut tal-kjamata in kawza, u cioe' l-integrita' tal-gudizzju u l-eliminazzjoni tal-molteplicita' tal-gudizzji fuq l-istess haga".*

[1] Per Imhallef Joseph Henry Xuereb deciza fil-25 ta' Frar 1964

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Camilleri vs Citadel Insurance plc et**[2] intqal li gie bosta drabi ritenut mill-Qrati taghna li biex tigi ffissata l-indoli tal-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta[3].

F'din is-sentenza appena citata intqal ukoll is-segwenti:

*"Il-kumulu ta' azzjonijiet f'gudizzju wiehed huwa possibili kontra pluralita' ta' konvenuti. Id-diffikolta' pero' qeghda filli jigu stabiliti l-kondizzjonijiet li fihom il-gudizzju m'ghandux jigi ammess. Ovvjament l-attur jista', kontra l-istess konvenut jitlob fl-istess kawza l-adempiment ta' diversi obbligazzjonijiet, anke naxxenti minn kawzi jew titoli distinti per ezempju li jitlob il-hlas ta' diversi somom dovuti ghal ragunijiet diversi (Art. 759 Kap 12).*

*M'ghandhux ikun permess pero' li fl-istess citazzjoni l-attur iressaq diversi azzjonijiet kontra diversi konvenuti, jekk ma jkunux konnessi ghal kollox bejnithom. Il-Qrati Taljani irritenew illi biex jistghu jigu kumulati fl-istess gudizzju azzjonijiet ezercitati kontra diversi konvenuti hu almenu necessarju illi bejn id-diversi domandi jkun hemm konnessjoni. In generali imbaghad "e' diferito al prudente arbitrio del magistrato di riconoscere se e quando la collettivita' possa essere autorizzata per l'economia dei giudizi senza pregudizio dei diritti a ciascuno dei litiganti spettanti" (Coen Citazione Materia Civile para 897-907)".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Saliba vs Carmelo Saliba et**[4] saret referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Mary Bezzina et vs Joseph Vella et**[5] liema sentenza kienet sostniet:

---

[2] Cit Nru: 556/04GV deciza fil-25 ta' Frar 2005

[3] Ara Kollezz Vol XXXVII pII p776 u Vol XLV pII p652; Vol XI p401, Vol X p926.

[4] Rik Nru: 43/09PC deciza fis-16 ta' Novembru 2011

[5] Deciza fid-29 ta' Ottubru, 1999

*"F'dan ir-rigward jista' bla diffikolta' jinghad illi l-atti kienu ntizi biex tkun tista' tiġi sewwa epurata u deciza din it-talba principali ta' l-atturi. Kien hemm konnessjoni cara u netta bejn id-diversi talbiet taghhom b'dan li, ghalkemm kull wahda mit-talbiet kienet indikattiva ta' azzjoni li setghet ukoll tigi proposta wahedha, l-atturi ghazlu li jipproponuhom flimkien ghax kellhom finalita' wahda.* ***'Ha luogo il cumolo delle azioni quando piu' azioni aventi ciascuna vita propria e indipendente si sperimentano tutte nel medesimo giudizio senza che' l'ezercizio nell'una impedisca in tutto o in parte l'ezercizio dell'altra. L'attore puo' di regola cumulare tutte le azioni che gli spettano contro lo stesso connvenuto sebbene dipendano da titoli diversi****.' (Joseph Borg et vs Emanuel Bonello, deciza mill-Prim'Awla fid-29 ta' Jannar 1999, li ccitat il Nuovo Digesto Italiano, Concorso di Azioni).*

*Ebda ligi ma tipprojbixxi l-kumulu ta' azzjonijiet, accettat anke mid-duttrina, barra minn xi kazi fejn hemm dispozizzjonijiet espressi u kuntrarji, dak per ezempju li ma tistax tezercita l-azzjoni petitorja u possessorja flimkien, meta l-ezercizzju ta' wahda jeskludi l-ezercizzju ta' l-oħra. (Vol. XXIX P. 1. p. 1087).*

*Ma kellux allura jkun hemm ostakolu għall-atturi li jipprocedu b'att ta' citazzjoni wahda li tkun tikkontjeni kumulu ta' azzjonijiet sakemm jigi sodisfacentement pruvat lill-Qorti li tali procedura kienet utili ghall-ekonomija tal-gudizzju, li kienet tassigura li l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taht vesti jew ohra, fil-gudizzju, u li ma jkunx hemm pregudizzju ghall-konvenuti kjamati biex jirrispondu t-talbiet ta' l-atturi. "****La cumulazione delle citazioni era permessa e frequentemente praticata sotto la giurisprudenza anteriore. E' cosa in se ragionevole, conducente ad economia di tempo e di spese e non pregudizievole al convenuto ne punto irriconciliabile con la legge attuale****.' (Cremona, Commentario sul Codice di Procedura, p. 847)."*

Fl-ahharnett referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Flavia Cassar et vs Carmelo Muscat et**[6] fejn intqal :

*"13. Hawnhekk non si tratta ta' semplici imprecizjoni fil-forma tac-citazzjoni izda si tratta minn kumulu ta' azzjonijiet distinti bazati fuq kawzalijiet kontradittorji li jincidu radikalment fuq is-sustanza tal-azzjoni u jmorru 'l hinn mis-sempliċi difett ta' forma.*

*14. Din il-Qorti taqbel mat-tendenza l-aktar recenti tal-gurisprudenza kontra l-formalizmu esagerat izda fl-istess hin anqas tista' din il-Qorti tippermetti permessivizmu esagerat*[7] *b'mod partikolari fejn dan ikun ippregudika lill-parti avversarja.*

*15. L-eccezzjoni ta' nullità li ntlaqghet mill-ewwel qorti hija dik taht l-art. 789(1)(c) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili – "jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità" – izda dik l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' biss "kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra hlief billi l-att jigi annullat".*

*16. Il-Qorti hi tal-fehma, kif gia` inghad, li f'dan il-kaz kien hemm difett fil-forma tac-citazzjoni li toltrepassa l-limitu ta' mera formalita' u anzi tolqot is-sustanza stess tal-azzjoni ezercitata mill-atturi b'tali mod li kienet ta' pregudizzju ghall-konvenuti li, kif kellhom dritt jistennew, ma tqegħdux f'pozizzjoni li jkunu jistghu jiddefendu ruhhom adegwatament kontra l-azzjoni tal-atturi. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll li n-nuqqas sostanzjali fic-citazzjoni ma setax jigi rimedjat taht xi dispozizzjoni ohra tal-ligi minghajr ma necessarjament tinbidel is-sustanza tal-azzjoni b'mod partikolari f'sitwazzjoni bhal fil-kaz ta' llum fejn hemm konfuzjoni ta' tlett azzjonijiet kontradditorji f'daqqa."*

---

[6] Appell Civ Nru: 99/1993/2 deciz fl-14 ta' Novembru, 2011

[7] Francis T. Gera noe v Ed. Camilleri et, Appell Sede Inferjuri, 14/2/1973, Vol. XXXII.i.712

Recentement inghatat sentenza fl-ismijiet **Carmena Muscat vs Frank Said et**[8]**.** F'dik il-kawza l-qorti kellha quddiemha rikors guramentat li kellu kawzali dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, qerq, vjolenza kif ukoll dik ta' simulazzjoni li evidentement huma inkonciljabbli ma' xulxin. L-istess jinghad fir-rigwrad tal-kawzali ta' kawza falsa mal-kawzali ta' qerq u vjolenza. F'dik il-kawza wara li l-qorti kienet ikkwotat l-artikolu 789 tal-Kap 12 liema artikolu jipprovdi dwar nuliita' ta' rikors ghaddiet ukoll biex tirreferi ghal *proviso* li jipprovdi li *"Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi."*

Dik il-qorti tat l-opportunita' lill-attrici tirregola ruhha dwar fuq liema talba kienet se tinsisti billi inghatat l-opportunita' li fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet tirrinunzja ghal dawk ir-ragunijiet u t-talbiet li huma inkonciljabbli ma' xulxin[9].

Din il-qorti kif presjeduta taqbel mal-linja adottata f'din is-sentenza. Dan in vista tal-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati; kif ukoll ghaliex il-ligi nnifisha tipprovdi meta l-eccezzjoni ta' nullita' tista' tinghata. Jigi nnutat ukoll li kif gie redatt ir-rikors guramentat dan jista' jsir

Tornando ghall-kaz in dizamina din il-qorti mhix qeghda tirraviza l-ebda nullita' kif eccepit. M'hemm l-ebda kawzali u talbiet kontradittorji. Fi kwalunkwe kaz kif fuq spjegat is-sanzjoni estrema ghandha tigi applikata biss meta jkun hemm tali kontradittorjeta' u mhux per se' ghax ikun hemm xi kumulu ta' azzjonijiet.

Infatti t-tliet kundizzjonijiet msemmija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Mary Bezzina et vs Joseph Vella et** jinsabu sodisfatti ossija li:

---

[8] Rik Nru: 739/2006AE moghtija fl-14 ta' Dicembru, 2012

[9] Artikolu 906 jaghti lill-attur il-jedd li jirrinunzja ghall-atti li jkunipprezenta. Provvediment li impliciment jinkludi l-jedd li jirrinunzja ghall-parti mit-talbiet u ragunijiet.

- <u>tali procedura kienet utili ghall-ekonomija tal-gudizzju:</u> m'hemmx dubju li l-attur seta' jipprocedi b'zewg kawzi separati. Dan kien ikun ifisser aktar hela hin u spejjez mhux biss ghalih izda fl-ahhar mill-ahhar jekk it-talbiet tieghu jintlaqghu ghall-parti telliefa.

Infatti ghalkemm l-azzjonijiet setghu jigu stitwiti separatament jirrizulta li l-ghan ewlieni ta' l-azzjoni attrici huwa li tigi ezaminata l-allegazzjoni li bl-agir tas-socjeta' konvenuta jew il-konvenuti l-ohra l-appartament ta' l-attur sofra danni. M'hemmx xejn kunfliggenti kif giet impustata l-azzjoni attrici.

- <u>Tassigura li l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taht vesti jew ohra, fil-gudizzju</u> - l-attur qieghed jallega li d-danni strutturali gie kkawzat mill-konvenuti jew min minnhom, filwaqt li jallega li s-socjeta' konvenuta m'onoratx l-obbligi kuntrattwali taghha.

- <u>Ebda pregudizzju soffert mill-konvenuti</u> (dan ukoll jinkwadra taht is-sub-artikolu 789(1) (c) tal-kap 12) – ma jirrizultax li l-konvenuti sofrew xi pregudizzju bil-mod kif giet intavolata l-kawza. Mad-daqqa t'ghajn ta' kif giet intavolata r-risposta guramentata huwa altru milli ovvju li l-konvenuti kollha fehmu l-azzjonijiet x'inhuma u ddefendew ruhhom minghajr ebda diffikulta'. Il-mod kif inhuma redatti t-talbiet, fl-eventwalita' li l-pretensjonijiet attrici jigu ppruvati, mhux se jkun difficli ghal din il-qorti sabiex jekk ikun il-kaz tiddistingwi bejn ir-responsabilita' tal-konvenuti jew min minnhom. Lanqas il-fatt li hemm talbiet li huma diretti biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta biss m'huma ta' pregudizzju ghaliex dan il-fatt jittiehed kont tieghu fl-apporzjonament ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra, bl-ispejjez karigu tal-konvenuti.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------